**5 ta' Mejju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Charles Chircop

## Ċitazzjoni - Natura u Skop taċ-Ċitazzjoni - Ingombru - Artikolu 40(j) Tal-Kap.10

*L-emendi introdotti fl-1911 fl-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali ma jnaqqsu xejn mill-prinċipju, ormaj stabbilit u akkolt fil-ġurisprudenza, li ċ-ċitazzjoni mhix il-bażi ta' l-akkuża , fil-kawżi quddiem il-Qrati tal-Maġistrati għax l-akkuża proprjament tinġieb meta tinqara fil-Qorti, fil-preżenza ta' l-imputat.*

*Biex ikun hemm ir-reat ravviżat fl-artikolu 40(j) tal-Kap.10, l-ingombru jrid ikun bi xkiel, b'inkomdu, bi ħsara jew b'periklu tan-nies. Però hu biżżejjed li dana x-xkiel, inkomdu, ħsara jew periklu jkunu potenzjali u m'hemmx bżonn li jkun attwali.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba permezz ta' ċitazzjoni kontra Charles Chircop, talli fit-12 ta' Ottubru, 1993, għall-ħabta tal-ħdax u kwart ta' filgħodu, ġewwa l-bajja ta' San Ġorġ ġewwa San Ġiljan, ingombra t-triq billi ħalla karru tal-ġarr tad-dgħajjes fl-imsemmija triq bi xkiel, b'inkomdu, bi ħsara jew b'perikolu ta' nies oħra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-27 ta' Jannar, 1994 li biha, wara li semgħet il-provi u wara li rat l-Artikolu 40(j) tal-Kap.10, dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Charles Chircop ħati ta' l-imputazzjoni kontra tiegħu dedotta u kkundannatu sitt liri (LM6) ammenda;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Charles Chircop ippreżentat fit-28 ta' Jannar, 1994 li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza hawn fuq imsemmija u tilliberah minn kull ħtija u piena;

Rat l-attijiet kollha tal-kawża;

Semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant jikkonsisti filli hu jikkontendi li "il-liġi ma titkellimx kif titkellem iċ-ċitazzjoni u kif

hi l-akkuża" u li "l-akkuża kif dedotta ma tirrispekkjax il-liġi". Ikompli jilmenta l-appellant li "fejn qabel konna ngħidu li ċ-ċitazzjoni hija biss avviż *per comparire*, illum din trid tinqara soġġetta għall-artikolu 6 (3) (a) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem". Dwar dana l-aggravju din l-Qorti, mingħajr ma toqgħod tidħol fl-aspetti kostituzzjonali, jew aħjar ta' drittijiet fondamentali, li jeżorbitaw mill-kompetenza tagħha, tirrileva li s-subartikolu (2) tal-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali, introdott fl-1911, kellu u għandu l-iskop proprju li jagħti kemm jista' jkun informazzjoni lill-persuna li tkun ġiet avvżata biex tidher quddiem il-Qorti inferjuri bl-iskop, fi kliem l-Avukat tal-Kuruna ta' dak iż-żmien fid-dibattiti fil-*Council of Government*, "*di parificare fino ad un certo punto la redazione della citazione con quello dello atto di accusa*" (ara **Pulizija v. Arthur S. Mortimer**, Appell Kriminali, 6/12/48). Però dan ma jnaqqas xejn mill-prinċipju, ormaj stabbilit u akkolt fil-ġurisprudenza tagħha, li ċ-ċitazzjoni mhix il-bażi ta' l-akkuża fil-kawżi quddiem il-Qrati tal-Maġistrati, iżda din, cjoè l-akkuża, proprjament tinġieb meta tinqara fil-Qorti fil-preżenza ta' l-imputat f'dak l-istadju tal-proċedura indikat fl-artikolu 374 (1) (i) tal-Kodiċi Kriminali. *Del resto* is-subinċiż (a) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jirrikjedix li l-imputat jew akkużat għandu jiġi infurmat bl-akkuża **bil-miktub** (kif jirrikjedi s-subinċiż (a) tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni). Illi fi kwalunkwe każ din il-Qorti tara li l-akkuża kif miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva fiċ-ċitazzjoni tirriproduċi sostanzjalment, jekk mhux addirittura preċiżament, il-kliem tal-liġi fl-artikolu 40 (j) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, tikkonforma ma' l-artikolu 360 (2) tal-Kodiċi Kriminali u, għalkemm dan qed jingħad ***ex abundantia*** peress li, kif ġà ntqal, din il-Qorti mhux ser tidħol fl-aspetti kostituzzjonali jew ta' drittijiet fondamentali, tissodisfa l-Artikolu 6 (3) (a) tal-Konvenzjoni Ewropea;

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu, in sostanza, li l-akkuża ma tirriżultax peress li ma kien hemm ebda ingombru, la fuq il-bankina u lanqas fit-triq, u kemm in-nies kif ukoll il-karozzi setgħu jgħaddu. L-artikolu 40(j) in kwistjoni jirrikjedi mhux biss li jkun hemm ingombru ("*obstruction*"), iżda li dana l-ingombru jkun "bi xkiel ("*to the obstruction*"), b'inkomdu, bi ħsara jew b'periklu ta' nies oħra". Mill-banda l-oħra, il-fatt li jkun hemm spazju minn fejn in-nies tgħaddi mingħajr xkiel ma jfissirx neċessarjament li r-reat ma jissussistix għax proprju l-paragrafu (j) jikkontempla ipotesi oħra, u cjoè dik ta' min ma jħallix minn fejn in-nies tgħaddi mingħajr xkiel (ara f'dan is-sens ukoll **Il-Pulizija v. Anthony Cassar**, 14/11/53, Vol. XXXVII.IV.1198, p.1199 fejn ġie ritenut li s-sempliċi tqegħid ta' mejda fuq bankina, għalkemm kien hemm spazju minn fejn in-nies jgħaddu, kien jikkostitwixxi ingombru punibbli taħt dana l-paragrafu). Għalhekk il-Qorti trid tara, f'kull każ, jekk l-ingombru kienx "bi xkiel, b'inkomdu, bi ħsara jew b'periklu ta'nies oħra". Però dan ix-xkiel, inkomdu, ħsara jew periklu m'hemmx bżonn ikun attwali, fis-sens li xi persuna jew aktar ġiet imxekkla, skomodata, jew saritilha ħsara jew tqegħdet f'periklu; biżżejjed il-potenzjalità ta' dan kollu. Ta' min josserva li l-artikolu 40 tal-Kap. 10 jixbah ħafna d-disposizzjoni ta' l-artikolu 28 ta' "*The Town Police Clauses Act, 1847*" ta' l-Ingilterra. Fil-kuntest ta' waħda mid-diversi ipotesijiet ikkontemplati f'dan l-artikolu 28, il-*Queen's Bench Division* irriteniet illi "*any unlawful encoachment on a footway must be deemed to obsruct and, a fortiori, to incommode, the passage of persons over and along such footway, and accordingly, that it is not necessary to alledge or to call evidence to prove that any particular person was in fact so obstructed or incommoded*" (**Wolverton Urban District Council v. Willis** - 1962- 1 All E.R. 243, p.246). Fil-każ tal-liġi tagħna wkoll, jekk l-ingombru ikun verament *de minimis* jew jekk ikun ġie

awtorizzat bil-liġi, wieħed ma jistax jgħid li jkun hemm xkiel, inkomdu, ħsara jew periklu ta' nies oħra. Altrimenti, ċjoè meta l-ingombru (*"obstruction"*) ma jkunx *de minimis* jew awtorizzat bil-liġi, wieħed irid f'kull każ jara jekk, tenut kont tal-lokalità, tan-natura ta' l-ingombru, ta' kemm dam dak l-ingombru u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, jekk kienx hemm, jew seta' jkun hemm xkiel, inkomdu, ħsara jew periklu ta' nies oħra. U naturalment dana jiddependi mill-fatti u miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u jitħalla fil-ġudizzju u l-*buon* sens tal-ġudikant. Skond iċ-ċirkostanzi tal-każ kaxxa żgħira mqiegħda f'nofs ta' triq wiesgħa ħafna iżda traffikuża tista' tikkostitwixxi ingombru għall-finijiet ta' l-artikolu 40 (j) mentri oġġett akbar pero' f'lokalita' jew f'ċirkostanzi differenti jista' ma jikkostitwix tali reat. Issa, mill-provi mismugħa minn din il-Qorti jirriżulta li l-lokalità in kwistjoni hija il-bajja ta' San Ġorġ, post viċin il-baħar; l-oġġett in kwistjoni hu karru tal-ġarr tad-dgħajjes xi-sittax-il pied twil, u ftit aktar minn erba' piedi u nofs wiesa', oġġett li wieħed jistenna li jsib f'lokalità viċin il-baħar; dan il-karru kien parkeġġjat bħalma tkun parkeġġjata karozza u ċjoè ma' ġenb u taħt il-bankina; kien parkeġġjat f'parti tal-bajja li hi pjuttost wiesgħa' u ma kien ta' ebda ostakolu jew imqar inkonvenjent, la għal vetturi oħra, u anqas għan-nies mexjin matul it-triq, ħlief, naturalment għal min tigih l-ideja li jrid bilfors jgħaddi mill-*area* okkupata mill-karru; il-karru kien qed jintuża għal skopijiet leġġitimi, u ċjoè sabiex l-appellant iniżżel u jtella' dgħajjes li huwa jikri; u, forsi l-aktar ċirkostanza importanti f'dan il-każ, għall-anqas fil-fehma ta' din il-Qorti, l-akkuża tirreferi għal ġurnata u ħin partikolari u mhux għal xi ingombru tul xi medda ta' żmien. Tenut kont ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha, din il-Qorti tara li ma kienx hemm l-ixkiel, inkomodu, ħsara jew perikolu ta' nies oħra rikjest skond l-artikolu inkriminat;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-imsemmi Charles Chircop minn kull imputazzjoni u piena.